# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 63**

**Ċitazzjoni numru 1189/1983/1 AF**

**Gordon Mizzi għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta 'Titan International Limited' u fil-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2016, il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat li l-isem l-attur għandu jaqra 'Titan International Limited (C1115')**

**v.**

**Carmela Baldacchino u Francis Baldacchino għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta 'Silvercraft Products Limited' u fil-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2016, il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat li l-isem tal-konvenut ghandu jkun 'Silvercraft Products Limited (C2817)'**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat mill-attur *nomine* fit-28 ta' Settembru, 1983, li permezz tiegħu ngħad:

"Peress illi l-attur nomine ordna u xtara minghand il-konvent nomine diversi tankijiet tal-fibreglass ta' qisien u volum differenti, liema tankijiet kellhom jintuzaw ghal hazna ta' ilma f'sistema ta' 'solar heating', u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza;

Peress illi dawn it-tankijiet ma gewx manifatturati skond is-sengha u l-arti, u fihom difetti inerenti kif jirrizulta mill-anness rapport markat Dok. 'A';

Peress illi bhala konsegwenza l-attur nomine sofra u qieghed isofri danni ingenti;

Peress illi ghalkemm l-attur nomine interpella ufficjalment lill-konvenut nomine sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti, dan baqa sallum inadempjenti;

Jghid il-konvenut nomine, ghaliex din il-Qorti ma' ghandhiex:

(1) tiddikjara u tikkonferma illi t-tankijiet fuq imsemmija ma gewx manifatturati skond l-arti u s-sengha u dan okkorrendo permezz ta' periti nominandi;
(2) tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur nomine;
(3) tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut nomine inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u mandat ta' qbid prezentati kontestwalment, kif ukoll l-ispejjes kollha tal-ittra ufficjali prezentata Lulju 1982.

Il-konvenut jinsab ingunt ghas-subizzjoni."

2. Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ippreżentata mill-konvenuti *nomine* fl-4 ta' Novembru, 1983, li permezz tagħha ġie eċċepit:

"1. Illi preliminarjament l-attur ghandu jipprova kif huwa l-prokuratur tad-ditta assenti Titan International Limited.

2. Bla pregudizzju ghal premess illi l-attur ordna tankijiet normali tal-fibreglass minghand id-ditta eccipjenti, liema takinijiet gew debitament kostruiti u konsenjati, b''fittings' suppliti mill-istess attur nomine.

3. Illi in segwitu, peress illi l-istess takinijiet gew uzati ghal skopijiet li kienu jirrikjedu specifikazzjonijiet aktar adatti, dawn ma nstabux sodisfacenti mill-attur, u l-konvenuti nomine, dejjem bla pregudizzju ippruvaw jirrimedjaw kif setghu, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi l-eccipjenti inkorrew diversi danni minhabba n-nuqqas ta' ordni korretta tal-attur u ta' dawn id-danni jippretendu kumpens u qeghdin jaghmlu kontrotalba relativa.

Salvi eccezzjonijiet ohra."

3. Rat il-kontro-talba ppreżentata mill-konvenuti *nomine* kontestwalment man-nota tal-eċċezzjonijiet li permezz tagħha talbu:

"1. Illi huma nomine esegwew xoghol ta' kostruzzjoni ta' tankijiet tal-fibreglass fuq ordna ta' Gordon Mizzi nomine, liema tankijiet saru ghal skopijiet normali.

2. Illi l-fittings li intuzaw ghall istess tankijiet kienu dawk forniti mill-istess Mizzi nomine.

3. Illi wara rrizulta illi l-uzu li ghalihom l-konvenut nomine ried dawn it-tankijiet kien uzu divers, peress li l-istess tankijiet kellhom ikunu under pressure, u l-esponenti ghamlu diversi xogholijiet a spejjes taghhom biex jirrangaw kif setghu l-istess tankijiet minnhom forniti.

4. L-esponenti ghad ghandhom jiehdu xi bilanc ta' flus tax-xoghol li huma ghamlu, kif ukoll ghandhom interess jirreklamaw danni li huma sofrew minhabba n-nuqqas tal-istess Mizzi nomine, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghalhekk l-esponenti qeghdin jaghmlu din it-talba biex l-istess Mizzi nomine jigi kundannat ihallas lill-esponenti nomine dak l-ammont li jigi likwidat minn din il-Qorti in linea ta' danni u ta' bilanc dovut lill-esponenti ghal motivi premessi u kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-interessi u bl-ispejjes kontra l-istess Mizzi nomine li hu minn issa mharrek ghas-subizzjoni."

4. Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti *nomine* tat-13 ta' Mejju, 1991, li permezz tagħha eċċepew ulterjorment illi:

"1. Illi fir-rigward kul pretensjoni relatata mat-tank li inbiegh mill-konvenuti u li gie ikkonsenjat fid-dar ta' Gordon Mizzi, l-azzjoni attrici ma treggix billi l-bejgh sar u gie konvenut mal-attur f'ismu proprju.

2. Illi subordinatament l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 1431 tal-Kodici Civili."

5. Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Settembru, 2016, li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tas-soċjeta` konvenuta li tressaq nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri, kif ukoll ordnat l-isfilz tal-istess nota.

6. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Mejju, 2017, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

> *"1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta konvenuta in kwantu li ġiet sorvolata fil-mori tal-kawża u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet imressqa minnha permezz ta' nota ta' eċċezzjoni ulterjuri in kwantu li ma ntalabx il-permess tal-Qorti sabiex jitressqu dawn l-eċċezzjonijiet;*
>
> *2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tas-soċjeta` konvenuta;*
>
> *3. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li t-tankijiet in kwistjoni ma ġewx manifatturati skont is-sengħa u l-arti;*
>
> *4. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' erbat elef, tmien mija u wieħed u disgħin Ewro u disgħa u sittin centeżmu (€4891.69);*
>
> *5. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi l-ammont likwidat ta' erbat elef, tmien mija u wieħed u disgħin Ewro u disgħa u sittin Ċenteżmu (€4891.69) bl-imgħax mid-data tas-sentenza;*
>
> *6. Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali tas-soċjeta` konvenuta.*
>
> *L-ispejjeż tal-kawża ewlenija kif ukoll tal-kontro-talba jitħallsu mis-soċjeta` konvenuta."*

7. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "illi permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta għad-danni konsegwenza ta'

manifattura ta' tankijiet tal-fibreglass li l-attriċi tallega li ma sarux skont is-sengħa u l-arti.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-kwistjoni tirrigwarda numru ta' tankijiet tal-ilma li s-soċjetà attriċi ordnat mingħand is-soċjetà konvenuta. Dawn it-tankijiet, magħmula mill-*fibreglass*, ġew konsenjati u installati kwantu għall-wieħed fir-residenza personali ta' Gordon Mizzi u l-bqija fil-lukanda Ramla Bay Hotel. It-tankijiet kienu parti minn sistema ta' *solar water heating* tad-ditta estera Hitachi. Is-soċjetà konvenuta kienet inkarigata biss għall-manifattura ta' dawn it-tankijiet.

Mhuwiex ikkontestat mill-partijiet illi ftit xhur wara li ġew konsenjati u installati, dawn it-tankijiet bdew iqattru l-ilma, u minkejja diversi interventi u modifikazzjonijiet da parti taż-żewġ kontendenti, il-problema ma setgħetx tissolva sakemm fl-aħħar dawn it-tankijiet kellhom jiġi sostitwiti mis-soċjetà attriċi b'tankijiet magħmula minn materjal differenti u manifatturati minn terzi.

Filwaqt illi s-soċjetà attriċi ssostni li dawn it-tankijiet ma ġewx manifatturati skont is-sengħa u l-arti, is-soċjeta konvenuta tikkontendi li t-tankijiet in kwistjoni żviluppaw *leaks* minħabba li ma ntużawx skont l-ispeċifikazzjonijiet li għalihom ġew magħmula u ċioè għaliex kienu soġġetti għall-temperatura ta' ilma għola minn dik mifthema bejn il-partijiet u għaliex minkejja li bi qbil bejn il-partijiet ġew manifatturati sabiex jaħdmu mingħajr pressa, irriżulta li fir-rigward tat-tankijiet installati fir-Ramla Bay, Hotel dawn kienu soġġetti għall-pressa tal-ilma li kkawżat il-qsim fil-materjal u fil-*fittings*.

Is-soċjetà konvenuta ma ressqet l-ebda rapport tekniku dwar il-kawża tal-qsim f'dawn it-tankijiet. Is-soċjetà attriċi ppreżentat kopja tar-rapport imħejji mid-ditta estera Hitachi Chemical Europe li eżaminaw il-*fibreglass* ta' wieħed mit-tankijiet in kwistjoni. Il-konklużjoni kienet illi dan il-*fibreglass* kien difettuż. L-attriċi inkarigat ukoll lill-perit Michael Refalo sabiex iħejji rapport dwar it-tank installat fir-residenza personali ta' Gordon Mizzi. Il-perit Refalo kkonferma li dan it-tank ma kienx soġġett għall-pressa tal-ilma, u li l-problema kienet li l-materjal tat-tank stess kellu x-xquq minn fejn kien qiegħed iqattar l-ilma. Il-perit wasal għall-konklużjoni li t-telf tal-ilma kien dovut għal waħda jew tnejn flimkien mis-segwenti kawżi: (i) li t-tank minnu nnifsu kien difettuż fil-manifattura u/jew (ii) li t-tank, jew pjuttost il-materjal u/jew spessur li bihom inħadem ma kienx jifħal għat-temperatura tal-ilma li għaliha kien ordnat.

Is-soċjetà konvenuta teċċepixxi preliminarjmanet illi l-attur nomine għandu jipprova li huwa l-prokuratur tad-ditta Titan International Limited. Din il-Qorti tirrileva li fil-mori tal-kawża s-soċjetà attriċi ppreżentat kopja tal-*Memorandum and Articles of Association* minn fejn jirriżulta li Gordon Mizzi ġie maħtur bħala direttur tas-soċjetà attriċi fis-27 ta' Awwissu 1974 u għaldaqstant, jirriżulta li din l-eċċezzjoni hija llum sorvolata.

Is-soċjetà konvenuta ressqet nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri li permezz tagħha eċċepiet illi fir-rigward tat-tank li ġie konsenjat fir-residenza ta' Gordon Mizzi, l-azzjoni attriċi ma treġix għaliex il-bejgħ sar lill-imsemmi Gordon Mizzi personalment, kif ukoll illi l-azzjoni attriċi hija preskritta a tenur tal-artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili. Madanakollu, mill-atti tal-kawża ma jirriżultax illi s-soċjetà konvenuta qatt talbet u wisq inqas ingħatat permess mill-Qorti sabiex tippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħhom.

Fil-mertu, is-soċjetà konvenuta teċċepixxi li l-attriċi ordnat tankijiet normali tal-*fibreglass*, liema tankijiet ġew debitament kostruwiti u konsenjati b' '*fittings*' suppliti mill-attriċi stess. Is-soċjetà konvenuta tikkontendi li peress lit-tankijiet in kwistjoni ġew utilizzati għal skopijiet li kienu jirrikjedu speċifikazzjonijiet aktar adatti, dawn ma nstabux sodisfaċjenti mill-attriċi u li madanakollu s-soċjetà konvenuta ppruvat tirrimedja kif setgħet.

Peress li s-soċjetà konvenuta tgħid ukoll li inkorriet diversi danni minħabba n-nuqqas ta' ordni korretta tas-soċjetà attriċi, hija ressqet kontro-talba sabiex tiġi kumpensata għal dawn d-danni kif ukoll għall-bilanċ rimanenti dovut mis-soċjetà attriċi għax-xogħlijiet esegwiti minnha.

Din il-Qorti hija tal-fehma li fl-ewwel lok huwa utli li tiġi stabbilita l-bażi ġuridika tal-azzjoni odjerna billi jsir eżami tal-kwalità tar-rapport ġuridiku li nħoloq bejn il-partijiet. Dan sabiex jiġi stabbilit jekk il-kuntratt konkluż bejn il-kontendenti kienx wieħed ta' bejgħ jew ta' appalt (*locatio operis*).

Fil-każ ta' Anthony Marcel Pace Asciaq noe vs Joseph Camilleri et tat-28 ta' Jannar 2004, din il-Qorti diversament presjeduta spjegat illi:

> "*Indubbjament l-istabilizzar ta' din il-figura guridika hi ta' vitali importanza in kwantu z-zewg istituti, distintament kollokati fil-Kodici Civili, jipprovdu rimedji ben diversi. In effetti kieku l-Qorti kellha taccetta l-veduta tal-perit legali illi fil-kaz in ezami si tratta minn kuntratt ta' bejgh, allura difficilment, imbaghad, seta' jsegwi illi l-istess perit legali jissofferma fuq it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u tal-kontro-talba taghhom billi dawn huma espressament arginati fuq l-istitut ta' l-appalt in kwantu ghall-kontenzjoni illi x-xoghol ma giex ezegwit skond l-arti u s-sengha u kien ukoll inkompletat;*
>
> *Minn dak rinvenut fil-Kodici Civili jirrizulta li r-rimedji miftuha lix-xerrej f' kaz ta' vendita huma essenzjalment dawk dettati mill-Artikoli 1390 u 1427. Rimedji li fil-kaz ta' l-ewwel artikolu bazat fuq in-nuqqas tal-kwalita` mweghda, jakkorda lix-xerrej, fil-mument tal-konsenja ta' l-oggett mibjugh, li jaghzel <u>jew</u> li jirrifjuta l-haga u jitlob ukoll id-danni <u>jew</u> li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Fil-kaz tat-tieni, bazat fuq il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux, il-ligi wkoll tassenjalu d-dritt tal-*

*ghazla wara r-ricezzjoni ta' l-oggett, jigifieri jew li jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejha estimatorja;*

*Huma dawn ir-rimedji li l-ligi tipprovdi lix-xerrej u allura l-kwestjoni jekk ix-xoghlijiet sarux sew u skond l-arti u s-sengha strettament ma ticcentra xejn f' negozju guridiku bhal dan ta' komprovendita;*

*Premess dan li fuq gie ravvisat, huwa innegabbli illi l-kompitu fir-ricerka tal-kriterju distintiv bejn "vendita" u "locatio operis" mhux nieqes minn diffikoltajiet. Dan hu hekk rikonoxxut mid-dottrina kif ukoll mill-gurisprudenza.*

*Hekk it-trattist* ***C. Massimo Bianca*** *fl-opra tieghu "La Vendita e la Permuta", Unione Tipografico - Editrice Torinese, Edizzjoni 1972 pagna 39 para. 21, jghid illi "quando l' alienante assume una prestazione di fare che non si limita ad una semplice attivita` integrativa o complementare ma attiene alla stessa produzione del bene, il problema della classificazione del contratto non puo` essere risolto qualificando senz' altro la prestazione come accessoria rispetto alla vendita. Occorre piuttosto accertare se il rapporto negoziale non corrisponda in realta` al tipo dei contratti d' opera individuale o imprenditoriale, cioe` al contratto d' opera o al contratto d' appalto.";*

*Jinghad minn awturi bhal* ***Rubino-Iudica*** *("Dell' Appalto" para 44) illi dak li jiddistingwi l-appalt mill-bejgh huwa l-kriterju tal-"prevalenza del lavoro sulla materia". Bl-invers jinsab ritenut illi meta l-appaltatur jintraprendi opra li fiha jaghti mhux biss ix-xoghol jew is-sengha tieghu, imma jfornixxi anke l-materjal, dan l-appalt huwa affini mal-bejgh ("****Carmelo Borg -vs- Joseph Mifsud****", Appell Kummercjali, 7 ta' Ottubru 1980);*

*Fil-fehma tal-Qorti din hi distinzjoni pjuttost semplicistika tal-kuncett u ma ssolvix il-problema;*

*Giet allura koncepita t-teorija zviluppata fid-duttrina u l-gurisprudenza Taljana "secondo il quale il contratto di vendita si distingue da quello di appalto per il diverso oggetto, consistente, rispettivamente, in un' obbligazione di dare oppure in un obbligazione di dare e insieme di fare, con organizzazione di mezzi necessari e con gestione a rischio dell' appaltatore" (****Qorti talKassazzjoni Nru. 58 tad-9 ta' Jannar 1970****);*

*Din it-teorija ttendi biex tassenja importanza deciziva lill-volonta tal-partijiet kontraenti. Teorija li wkoll sabet favur f' certa gurisprudenza taghna, kif manifest mis-sentenzi fl-ismijiet "****Neg. George E. Camilleri -vs- Joseph Mamo nomine****", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Awissu 1951; "****George Vassallo -vs- Lawrence Fenech et nomine****", Appell Kummercjali, 26 ta' April 1988 u "****John Debono - vs- Anthony Fenech nomine et****", Appell Kummercjali, 15 ta' Jannar 1992;*

*Rigwardata minn din il-prospettiva tal-volonta` tal-partijiet s-soluzzjoni tal-vertenza jidher li giet stabbilita skond l-ottika li wiehed jara l-kontrattazzjoni;*

*F' dan il-kuntest gie ritenut, dejjem fil-gurisprudenza Taljana, illi "si trattera` di vendita di cosa futura e non di appalto, quando il prodotto richiesto sia conforme ad un tipo o modello proprio dell' ordinaria produzione dell' assuntore" (***Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 4020 ta' l-1983***). Tali tibqa' s-sitwazzjoni anke fejn jintalbu modifiki fl-oggett, purche jkunu marginali jew sekondarji, addottati biex jissodisfaw l-esigenzi tad-destinatarju tieghu. Minn naha l-ohra jekk il-modifiki "siano tali da dare luogo ad un 'opus perfectum' inteso come effettivo e voluto risultato della prestazione, si trattera` invece di appalto" (***Qorti talKassazzjoni Nru. 8445 tas-sena 2000***). Jekk, imbaghad, ukoll il-kuntratt ma jkunx jista' jigi kazellat taht it-tip wiehed jew l-iehor, jista' jigi kwalifikat bhala "contratto misto' (***Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 83 ta' l-1972***)."*

Hekk ukoll, il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Aplan Limited vs Emmanuel Bajjada tas-27 ta' Novembru 2009 rriteniet li:

"*Din il-Qorti kif presjeduta mhux l-ewwel darba li affrontat kwestjoni bhal din b'dawk l-istess karatteristici. Inghad ad ezempju illi "meta tinsorgi kontroversja dwar il-klassifikazzjoni guridika tal-ftehim bejn il-partijiet, u jekk dan hux wiehed ta' bejgh jew ta' appalt, il-gudikant ghandu jkun gwidat minn dawn il-fatturi, u cjoe: (i) is-sostanzjalita` tal-ftehim; (ii) il-prevalenza ta' l-elementi kostitutivi tieghu fil-fattispeci, ossija jekk ghandux aktar ingredjenti fih, tipici ta' dawk "di fare" jew "di dare". Koncettwalment, ezercizzju bhal dan jimporta konsiderazzjoni oggettiva ta' l-elementi tal-ftehim aktar milli wiehed ihares lejn dik li setghet kienet l-intenzjoni tal-kontraenti, kif hekk kien gie ravvizat fis-sentenza fl-ismijiet "***Negte George Camilleri nomine -vs- Joseph Mamo nomine***", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Awissu, 1951." Ara "***C. Fino & Sons Ltd -vs- Mario Gauci et***", Appell Inferjuri, 13 ta' Gunju, 2007;*

*Fil-partikolari, imbaghad, gie pprecizat, dejjem minn din l-istess Qorti, illi "huwa pacifiku illi l-kuntratt ta' opra jiddifferenza ruhu minn dak ta' bejgh ta' haga futura minhabba l-prevalenza f'ta' l-ewwel ta' l-obbligazzjoni 'di facere' fuq dik 'di dare'. Jigifieri l-element karatterizzanti ta' l-ewwel hi l-attivita` adoperata biex issir il-haga, mentri fil-komprovendita hu l-oggett innifsu. Tezisti l-ewwel ipotesi meta l-oggett jigi konfezzjonat jew prodott in konsegwenza ta' kuntratt specifiku; ad exemplum, il-hajjat li jaghmel libsa skond l-ordni tal-klijent. Invece fit-tieni kaz, l-oggett isir in esekuzzjoni ta' pjan ta' produzzjoni prestabbilit u indipendentement mill-konkluzjoni ta' xi ftehim partikolari; ad exemplum, vettura li tigi manufatturata mhux skond ordni singolari izda in konformita` ma' pjan generali ta' produzzjoni". Ara "***International Tentage Textiles Industries Limited –vs Andreas Gerdes***", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 22 ta' Gunju, 2005."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, din il-Qorti ssib illi l-kontrattazzjoni bejn il-partijiet ma tistax ħlief titqies bħala waħda ta' appalt jew *locatio operis*. Mill-provi rriżulta li t-tankijiet in kwistjoni kienu manifatturati speċifikament skont dak ordnat mis-soċjetà attriċi, kif jikkonferma Francis Baldacchino għan-nom tas-soċjetà konvenuta. Il-kwistjoni bejn il-partijiet hija proprju dwar x'kienu dawn l-

ispeċifikazzjonijiet mitluba mis-soċjetà attriċi. Isegwi għalhekk illi l-kuntratt konkluż bejn il-partijiet ma kienx wieħed ta' bejgħ iżda ta' appalt jew *locatio operis*.

Imiss issa li liġi kkunsidrat il-mertu. Din il-kawża tistrieħ fuq il-kredibiltà tax-xhieda u fuq l-apprezzament li din il-Qorti trid tagħmel prinċipalment fuq id-deposizzjonijiet tagħhom. Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Joseph Tonna vs Philip Azzopardi deċiza nhar it-12 t'April 2007 fejn ingħad illi:

(1) *Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova ta' l-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta il-pretiża ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor). Ara* ***Kollez. Vol. XLVI P I p 5****;*

(2) *Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, "jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi ta' l-attur hija sostenuta" (****Kollez. Vol. XXXVII P I p 577****);*

(3) *Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta alligata et probata, u dan jimporta illi d-deċizjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bazi tad-domanda jew ta' l-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ipprovat;*

(4) *Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalita`, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utiliżżati allura skond ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' revizjoni. Ara, b' ezempju,* ***Kollez. Vol. XXIV P I p 104****.*

Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilaq, deċiza fit-30 ta' Ottubru 2003:

*"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn,*

> *flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawża "**Farrugia vs Farrugia**", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo"*."

Il-konflitt tal-provi hija xi ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilta' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex verżjoni teskludi lill-oħra, anke fuq bilanċ ta' probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawżi ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Farrugia vs Farrugia, deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966).

Mhuwiex ikkontestat mill-partijiet li t-tankijiet in kwistjoni kienu qegħdin jagħmlu l-ilma. Il-kwistjoni bejn il-partijiet tirrigwarda l-istruzzjonijiet li ngħatat is-soċjetà konvenuta dwar kif ser ikunu qegħdin jintużaw dawn it-tankijiet u t-temperatura tal-ilma ta' ġo fihom. Gordon Mizzi għan-nom tas-soċjetà attriċi jikkontendi li t-tankijiet ma kinux manifatturati sabiex jifilħu t-temperatura tal-ilma ta' ġo fihom, minkejja li s-soċjetà konvenuta kienet taf kemm kienet ser titla t-temperatura u li din kienet il-kawża tad-difett li żviluppa f'dawn it-tankijiet.

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Pierre Darmanin vs Moira Agius et tas-6 ta' Ottubru 2004 qalet hekk dwar il-kuntratt t'appalt:

> "*(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Kollez Vol XXVII pI p373**). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (**Kollez Vol XL pI p485**).*
>
> *(2) "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (**Kollez. Vol XXXVII pIII p883**). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).*
>
> *(3) Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (**Kollez. Vol XLI pI p667**) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (**Kollez Vol XXV pI p727**). Kif ahjar*

*imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (**Kollez. Vol XLII pII p1003**).*

*(4) Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (**Kollez. Vol XLI pII p892**);*

*(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (**Kollez. Vol XXXVIII pI p292**).*

*(6) Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2))."*

Is-soċjetà konvenuta tikkontendi li fir-rigward ta' dawk it-tankijiet installati ġewwa r-Ramla Bay Hotel, il-problema kienet illi dawn kienu soġġetti għall-pressa tal-ilma meta ma kienx ġie miftihem hekk bejn il-partijiet qabel saret l-ordni tagħhom. Is-soċjetà attriċi tikkontendi li fil-laqgħat li saru bejn il-partijiet dejjem tkellmu dwar tankijiet li ser jaħdmu bil-pressa. L-attriċi ressqet diversi xhieda li jikkonfermaw dan. Fosthom, xehed Jeremy Holland, rappreżentant tal-lukanda Ramla Bay Hotel li qal li mas-soċjetà attriċi dejjem tkellem dwar tankijiet li ser jaħdmu bil-pressa għaliex is-sistema ta' tankijiet li jaħdmu mingħajr pressa ma kinitx tgħodd għalihom għal raġunijiet estetiċi. L-attriċi ppreżentat kopja ta' ittra datata 19 ta' Frar 1980 li magħha kien hemm anness pjanta ta' kif ser taħdem is-sistema. Fuq din il-pjanta Gordon Mizzi kiteb illi dawn it-tankijiet ser ikunu qegħdin jaħdmu bil-pressa u li t-tank irid ikun jiflaħ għat-temperatura ta' ilma sa massimu ta' 180 *degrees farenheit*. Da parti tagħha, is-soċjetà konvenuta tiċħad illi rċeviet din l-ittra. L-attriċi targumenta li l-ordni għal dawn it-tankijiet tniżżlet fl-*order book* tas-soċjetà konvenuta l-għada 20 ta' Frar 1980, u allura ssostni li dan neċċessarjament ifisser li kienu rċevew l-ittra tagħha.

Is-soċjetà konvenuta tikkontendi li fil-laqgħa li saret bejn il-partijiet qabel saret l-ordni tat-tankijiet, Gordon Mizzi speċifikament qal lil dawk preżenti li t-tankijiet ma kinux ser jaħdmu bil-pressa. Għar-rigward tat-temperatura, Francis Baldacchino jsostni li waqt din il-laqgħa Gordon Mizzi qallu li l-ilma għandu jilħaq temperatura ta' bejn 55-60 ċentigradi. Baldacchino jsostni li ntalab jagħmel diversi modifikazzjonijiet fit-tankijiet qabel ġew konsenjati lis-soċjetà attriċi.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti hija tal-fehma li l-verżjoni tas-soċjetà attriċi hija l-aktar waħda verosimili. Kif sewwa tgħid il-perit legali, mill-provi rriżulta li fid-diskussjonijiet ta' bejnithom, Gordon Mizzi, għan-nom tas-soċjetà attriċi u Jeremy Holland, in rappreżentanza tar-Ramla Bay Hotel, dejjem tkellmu dwar tankijiet li ser jaħdmu taħt pressa, mhuwiex verosimili allura li Gordon Mizzi ordna mingħand is-soċjetà konvenuta tankijiet li ma kienux ser jaħdmu hekk.

Minkejja li huwa minnu li Gordon Mizzi ħallas għal dawn it-tankijiet u anke għal xi xogħol ta' modifikazzjoni li sar wara, ma jfissirx illi b'daqshekk huwa kien kuntent bix-xogħol tas-soċjetà konvenuta jew li m'għandux dritt jitlob ir-riżarċiment tad-danni għall-prodott li ma ġiex manifatturat skont is-sengħa u l-arti. Billi xogħol kien aċċettat u tħallas ma jfissirx illi kien tajjeb.

Fir-rigward tat-tank installat fir-residenza ta' Gordon Mizzi, dan ma kien soġġett għall-ebda pressa tal-ilma imma s-soċjetà konvenuta tikkontendi li t-tank ma kienx jiflaħ għat-temperatura tal-ilma ta' ġo fih in kwantu li Francis Baldacchino jinsisti li Gordon Mizzi dejjem aċċertah illi t-temperatura kienet ser tkun bejn 55-60 ċentigradi. Dwar dan it-tank, mill-provi rriżulta li minkejja li l-*fittings* u l-*heating element* kienu ġew provduti mis-soċjeta attriċi, Francis Baldacchino jikkonferma li huwa ntebaħ illi l-*fittings* u l-*heating element* in kwistjoni ma kinux addattati qabel ma twaħħlu mat-tank imma xorta baqa' għaddej bix-xogħol.

Francis Baldacchino ma jistax jinħeba wara l-iskuża li dawn l-aċċessorji ma kinux tajbin għat-tank li huwa kien immanifattura. Kif ingħad fil-każ fl-ismijiet Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Pubblici vs Charles Azzopardi, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Lulju 2003:

> "*L-appaltatur ghandu, f'kull cirkustanza, jesegwixxi l-inkarigu lilu moghti skond l-arti u s-sengha, u jekk jaf li rrizultat ahhari, ghal xi raguni hi x'inhi, mhux se tkun sodisfacenti, ghandu jirrifjuta' li jaghmel ix-xoghol, u jekk jaghmlu jkun responsabbli ghad-danni (ara "Galea vs Gatt", deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Marzu, 1994).*
>
> *Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Farrugia vs Portelli et", deciza fid-9 ta' Ottubru, 1987, "l-appaltaturi ma jistghux jezoneraw ruhhom minn responsabbilita' ghax-xoghol li ghamlu kontra s-sengha fuq torba ghasra billi jghidu li dan ghamluh fuq ordni u/jew fuq insistenza tas-sid. L-appaltatur huwa dejjem responsabbli jippresta opra sodisfacjenti u obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intramissjoni tal-kommittent. Anke kieku s-sidien kienu jafu bit-tqeghid ta' madum fuq xahx imxarrab ghasar u riedu jiehdu r-riskju, l-istess appaltaturi jibqghu responsabbli ghax dover taghhom li jipprestaw opra sodisfacenti u jirrezistu kwalunkwe intramissjoni ta' min jinkarikahom". (ara wkoll, fl-istess vena, id-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-7 ta' Jannar, 1992, fil-kawza "Galea vs Chircop", u dik moghtija minn din il-Qorti fit-18 ta' Marzu, 1994, fil-kawza "Bonnici vs Abdilla").*

> *Hekk ukoll, l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Camilleri Marble Works Ltd vs Bowd", deciza fl-20 ta' Jannar, 2003, qalet li kuntrattur ghandu jirrezisti kull indhil fix-xoghol tieghu li jwasslu ghall-bini ma jkunx skond l-arti u s-sengha.*
>
> *L-appaltatur huwa obbligat li jikkonsenja xoghol skond is-sengha tieghu u tajjeb ghall-uzu li hu previst. Hu responsabbli ghar-rizultat li jaghti u hu ghandu obbligu jara li r-rizultat ikun sodisfacjenti ghall-kommittent.*"

Francis Baldacchino kien jaf illi l-aċċessorji provduti mis-soċjetà attriċi ma kinux tajbin għat-tip ta' tank li huwa kien għamel, allura kien jispetta lilu li jirrifjuta li jkompli x-xogħol bihom. In kwantu li naqas milli jagħmel hekk, huwa għandu jwieġeb għad-danni li soffriet l-attriċi riżultat tad-difetti li żviluppaw fil-materjal tal-prodott manifatturat minnu.

Finalment, il-Qorti żżid ukoll li tqis rilevanti l-fatt li ż-żewġ tipi ta' tankijiet u ċioè dak li kien qiegħed jaħdem mingħajr pressa u anke dawk li kienu qegħdin jaħdmu taħt pressa, xorta waħda żviluppaw *leaks*. Il-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-uniku rapport tekniku dwar il-materjal użat għall-manifattura tat-tankijiet, imħejji mid-ditta estera Hitachi Chemical Europe, minn fejn jirriżulta li l-*fibreglass* użat kien difettuż.

Għaldaqstant, din il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali fir-rigward tal-ewwel talba attriċi u ċioè li t-tankijiet in kwistjoni ma ġewx manifatturati skont l-arti u s-sengħa u li għalhekk, is-soċjetà konvenuta għandha tagħmel tajjeb għad-danni kkawżati lis-soċjetà attriċi minħabba f'hekk.

Madanakollu, din il-Qorti, bir-rispett kollu dovut lejn l-abbli perit legali, ma tikkondividix mal-konklużjoni tagħha dwar il-likwidazzjoni tad-danni dovuti lis-soċjetà attriċi. Il-perit legal tikkonkludi li l-ammont dovut lis-soċjetà attriċi huwa dak mitlub minnha u ċioè LM690.75, illum €1609.01, fir-rigward tat-tank konsenjat u installat fir-residenza ta' Gordon Mizzi personalment, u LM4859.54, illum €11,319.68, fir-rigward tat-tankijiet konsenjati u nstallati fir-Ramla Bay Hotel.

Dwar it-tank konsenjat u installat fir-residenza ta' Gordon Mizzi, jirriżulta li għal dan it-tank is-soċjetà attriċi ħallset biss LM32. L-ammont rimanenti riklamat minnha huwa għax-xogħol eżegwit mill-ħaddiema tas-soċjetà attriċi sabiex jippruvaw isibu soluzzjoni għall-problema, inkluż ix-xiri ta' *parts* li kellhom bżonn. Ma tressqet l-ebda prova dwar kemm kienu jiswew dawn il-*parts* u lanqas prova tax-xiri tagħhom. Fir-rigward tas-siegħat li damu jaħdmu fuq it-tank il-ħaddiema tas-soċjetà attriċi, din tal-aħħar qiegħda titlob kumpens bir-rata ta' LM5 fis-siegħa, liema rata fil-fehma tal-Qorti hija eżaġerata għal xogħol eżegwit 'l fuq minn tletin sena ilu. Għalhekk, din il-Qorti tqis illi t-talba tas-soċjetà attriċi mhijiex raġonevoli għal tank li kien

jiswa LM32 biss. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti ssib illi jkun ekwu u ġust li tistabbilixxi bħala kumpens dovut lis-soċjeta attriċi għad-difett f'dan it-tank l-ammont ta' LM100, illum €232.94.

Għar-rigward tat-tankijiet konsenjati u nstallati ġewwa r-Ramla Bay Hotel, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob kumpens ta' LM4859.54. Mill-provi jirriżulta li għal dawn it-tankijiet hija ħallset LM1382. B'żieda ma dan l-ammont, l-attriċi qiegħda titlob ukoll Lm2507.50 għal xogħol ta' ħamsin siegħa u nofs bir-rata ta' LM5 eżegwit mill-ħaddiema tagħha, kif ukoll għal ħsara allegatament kkawżata lill-klijenti oħra tagħha u għal dak li ssejjaħlu '*loss of good name*'. Dwar l-ammont mitlub għax-xogħol esegwit mill-impjegati tagħha fuq dawn it-tankijiet, din il-Qorti tgħid li hawnhekk ukoll it-talba hija eżaġerata. Fir-rigward tal-allegata ħsara kkawżata lill-klijenti oħra u danni konsistenti f'riklam ħażin li ġarrbet l-attriċi minħabba dan l-episodju, din il-Qorti ssib illi dawn id-danni ma ġewx ipprovati. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qort ssib illi jkun ekwu u ġust li tistabbilixxi bħala kumpens dovut lis-soċjetà attriċi għad-difett f'dawn it-tankjiet l-ammont ta' LM2000, illum €4658.75.

Finalment u dwar il-kontro-talba mressqa mis-soċjetà konvenuta, il-Qorti tikkondividi l-konklużjoni tal-perit legali f'dan ir-rigward u ċioè li l-ammont pretiż mhuwiex dovut għaliex ma ġewx provati l-ebda danni. Fir-rigward tax-xogħol mhux imħallas dan kien xogħol ta' riparazzjoni li kien neċessarju biss peress illi tankijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti u fi kwalunkwe każ ma kien ta' l-ebda rimedju għaliex il-problema baqgħet tippersisti.

8. Rat ir-rikors tal-appell prinċipali tal-konvenuti konjuġi Baldacchino *nomine* u skont id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' April, 2016, ingħad li l-isem tal-konvenut għandu jkun biss Silvercraft Products Limited, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti:

"i) Tħassar tirrevoka u tikkanċella s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fil-31 ta' Mejju 2017 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-Onor Imħallef A. Felice u tħassar u tirrevoka wkoll id-digriet ta' l-20 ta' Settembru, 2016, tawtorizza lill-appellanti jippresentaw l-eċċezzjoni ulterjuri mertu ta' dak id-digriet u konsegwentement tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti għall-prosegwiment tal-kawża, jew

ii) Jekk din il-Qorti tħoss illi ma hemmx lok ta' akkoljiment ta' l-ewwel aggravju allura tħassar tirrevoka u tikkanċella s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2017 mill-Prim'Awla tal-

Qorti Ċivili presjeduta mill-Onor. Imħallef A. Felice u tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tagħti sentenza fejn tiddeċiedi wkoll dwar l-eċċezzjoniji ulterjuri ppreżentati fit-13 ta' Mejju, 1991 u cioe fejn ġie eċċepit illi fir-rigward tat-tank li ġie kkonsenjat fir-residenza ta' Gordon Mizzi, l-azzjoni attriċi ma treġġix għaliex il-bejgħ sar lil Gordon Mizzi personalment, kif ukoll illi l-azzjoni attriċi hija preskritta a tenur tal-artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili, jew

iii) Jekk din il-Qorti ma tħossx illi hemm lok ta' akkoljiment tat-tieni aggravju allura tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2017, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-Onor Imħallef A. Felice u tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' appellanti u tiċħad it-talbiet attriċi.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellati."

9. Rat ir-risposta tal-appell ta' Gordon Mizzi *nomine* jew aħjar, skont id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' April, 2016, ta' Titan International Limited, li permezz tagħha wieġbet li l-appell tas-soċjeta` konvenuta appellanti prinċipalment għandu jiġi miċħud peress li nfondat fil-fatt u fid-dritt u dan għal diversi raġunijiet u għalhekk is-sentenza tal-ewwel Qorti għandha tiġi kkonfermata salv għal dak li ser jingħad fl-appell inċidentali.

10. Rat l-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi Titan International Limited, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti sabiex tilqa' l-aggravju mressaq permezz tal-appell inċidentali tagħha u konsegwentement tibdel is-sentenza mogħtija mill- Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju, 2017, fl-ismijiet premessi, billi tibdel l-ammont ta' danni li kien likwidat permezz tar-raba' kap tas-sentenza msemmija mis-somma ta' €4,891.69 għas-somma ta' €12,928.70 u tibdel l-ammont li s-soċjeta` konvenuta ġiet

kundannata tħallas lis-soċjeta` attriċi fil-ħames kap tas-sentenza mis-somma ta' €4,891.69 għas-somma ta' €12,928.70 u tikkonferma l-istess sentenza fil-kumplament tagħha. Bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` konvenuta appellata fl-appell inċidentali.

11. Is-soċjeta` konvenuta wieġbet għala fil-fehma tagħha, l-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi għandu jiġi miċħud u dan mingħajr preġudizzju għall-aggravji sollevati minnhom fl-appell prinċipali tagħhom.

12. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw kemm l-appell prinċipali, kif ukoll dak inċidentali waqt is-seduta tal-21 ta' Ġunju, 2022, meta ż-żewġ appelli baqgħu differiti għas-sentenza.

13. Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkonsidrat:

14. Illi dan il-każ jittratta azzjoni ta' danni da parti tas-soċjeta` attriċi Titan International Limited, għan-nuqqas tas-soċjeta` konvenuta Silvercraft Products Limited li timmanifattura tankijiet hekk kif titlob l-arti u s-sengħa. Kwindi titlob likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas ta' danni minnha mġarrba.

15. Min-naħa tas-soċjeta` konvenuta, filwaqt li tiċħad il-pretensjonijiet tas-soċjeta` attriċi, fis-sens li filwaqt li l-ordni tal-attriċi kienet għal tankijiet normali tal-*fibreglass,* wara rriżulta li dawn it-tankijiet ġew użati għal skopijiet li kienu jeħtieġu speċifikazzjonijiet aktar addattati. Hija ppruvat tirrimedja s-sitwazzjoni kif setgħet u fil-fatt inkorriet danni minħabba n-nuqqas ta' ordni korretta da parti tas-soċjeta` attriċi u ta' dawn id-danni tippretendi kumpens u għalhekk għamlet il-kontro-talba relattiva. Permezz tal-kontro-talba tagħha, is-soċjeta` konvenuta qegħda tirreklama l-ħlas ta' bilanċ tax-xogħol li hija għamlet, kif ukoll id-danni li nkorriet minħabba n-nuqqas tal-istess soċjeta` attriċi.

16. L-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni, in kwantu ġiet sorvolata fil-mori tal-kawża u astjeniet ukoll milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet ulterjuri mressqa mis-soċjeta` konvenuta, in kwantu ma ntalabx il-permess tal-Qorti sabiex jitressqu tali eċċezzjonijiet ulterjuri, ċaħdet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta, laqgħet l-ewwel talba attriċi billi ddikjarat it-tankijiet in kwistjoni ma ġewx manifatturati skont is-sengħa u l-arti, illikwidat id-danni fl-ammont ta' €4891.69 u kkundannat lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma hekk likwidata ta' €4,891.69, bl-imgħax mid-data tas-sentenza. L-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet rikonvenzjonali tas-soċjeta` konvenuta u kkundannat lis-soċjeta`

konvenuta tħallas kemm l-ispejjeż tal-kawża ewlenija, kif ukoll tal-kontro-talba mressqa minnha.

17. Is-soċjeta` konvenuta ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u għalhekk ressqet l-appell tagħha li huwa bbażat fuq erba' aggravji: (i) L-ewwel aggravju jittratta ċ-ċaħda tal-eċċezzjonijiet ulterjuri permezz tad-digriet tal-20 ta' Settembru, 2016; (ii) It-tieni aggravju jittratta ċ-ċaħda tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tat-13 ta' Mejju, 1991; (iii) Permezz tat-tielet aggravju s-soċjeta` konvenuta tilmenta dwar l-apprezzament żbaljat tax-xhieda u provi; u (iv) l-aħħar aggravju tas-soċjeta` konvenuta jittratta l-apprezzament żbaljat tar-relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti fil-kawża.

18. Is-soċjeta` attriċi filwaqt li tirriġetta l-aggravji riżultanti mill-appell prinċipali tas-soċjeta` konvenuta, tressaq ukoll l-appell inċidentali tagħha li huwa msejjes fuq l-aggravju waħdieni dwar id-danni likwidati mill-ewwel Qorti favur is-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' €4,891.69, li huwa sostanzjalment inqas minn dak li waslet għalih il-perit legali. Kwindi titlob riforma fis-sentenza appellata sabiex id-danni li jiġu likwidati favur tagħha jkunu fl-ammont ta' €12,928.70 u fil-bqija tikkonferma s-sentenza appellata.

19. Is-soċjeta` konvenuta twieġeb għala fil-fehma tagħha l-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi għandu jiġi miċħud.

20. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbel xejn mal-ewwel aggravju tas-soċjeta` konvenuta, sa fejn hija tikkritika lill-ewwel Qorti dwar id-digriet tagħha tal-20 ta' Settembru, 2016, fejn ċaħdet it-talba tagħha li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri fuq konsiderazzjonijiet ta' dewmien. Kuntrarjament għall-argument imressaq mis-soċjeta` konvenuta, qabel l-emendi li ġew introdotti fl-1995, għalkemm il-liġi ta' proċedura kienet differenti, ma jfissirx li kienet tippermetti li wieħed jippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri u mingħajr ħtieġa ta' awtorizzazzjoni tal-Qorti. Din il-materja kienet trattata minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Marzu, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Cristina *proprio et nomine* v. Eleonora Mizzi** fejn ingħad hekk:

> "*Ghalkemm dawn il-Qrati ftit harsu jew ikkunsidraw b'simpatija lejn eccezzjonijiet li 'jfaqqsu' ghall-gharrieda fil-mori tal-proceduri minghajr ebda awtorizzazzjoni, din il-Qorti hija wkoll konsapevoli mill-fatt li hemm gurisprudenza li hadet attitudini aktar liberali fis-sens li accettat eccezzjonijiet li jkunu gew sollevati b'dan il-mod dubbjuz. Hekk, per ezempju, fil-kawza fl-ismijiet "Services Limited vs Joseph Zammit" (Qorti tal-Appell – Sede Inferjuri) deciza fid-29 ta' Jannar 1999, mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino gie affermat hekk:-*
>
> > *"Kif hu risaput, il-gurisprudenza tghallem illi l-Qorti hi fid-dover li tiehu konjizzjoni ta' eccezzjonjiet li jkunu gew sollevati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, anke f'noti ta' sottomissjonijiet, u anke jekk ma jkunux gew formalizzati fil-forma ta' eccezzjoni."*
>
> *Dan l-insenjament pero', li llum gie gustament newtralizzat b'emendi ad hoc fil-ligi tal-procedura (ara l-artikolu 158 tal-Kap 12 kif emendat bl-Att XXIV tal-1995 u emendi ohra precedenti) ma jammontax u lanqas m'ghandu jfisser li l-parti konvenuta ghandha speci ta' 'carte blanche' li kull meta u x'hin jidhrilha l-waqt izzid ma' dawk l-eccezzjonijiet li hija tkun gja` tat. Il-*

*pozizzjoni la hija hekk illum (in vista ta' l-emendi li gew fis-sehh) u lanqas ma kienet hekk qabel. Difatti fil-kawza fl-ismijiet "M.C. Zammit Tabona et vs Emanuele Borg", Appell Civili deciz fis-7 ta' Frar 1966, din il-Qorti, kif diversament komposta, stabbiliet awtorevolment u korrettement li gej:-*

> *" L-artikolu 158 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghandu jfisser illi l-eccezzjonijiet kollha, tant ritwali kemm fil-meritu, li ghalihom fuq il-fatti maghrufa jista' jkun hemm lok, ghandhom jinghataw mill-ewwel fin-nota tal-eccezzjonijiet.*

*Wara li jingiebu l-provi tal-attur, jista', bil-permess tal-Qorti, isir tibdil fin-nota tal-eccezzjoni, b'nota separata, sew bir-rinunzja ta' wahda jew ohra mill-eccezzjonijiet kemm biz-zieda ta' eccezzjonijiet ohra. Dan ma jfissirx li l-konvenut jista' jaghmel dan meta jrid, kif irid, u bla ebda raguni u dan 'bi dritt' minghajr ebda indhil jew kontroll tal-Qorti...."* (sottolinjar ta' din il-Qorti).

21. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex il-Qorti kellha tilqa' t-talba tas-soċjeta` konvenuta li tiġi ppreżentata nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri wara tlieta u tletin sena li kienet ilha għaddejja l-kawża. Meta wieħed jeżamina l-fatti tal-każ, kif ukoll in-natura tal-eċċezzjonijiet li s-soċjeta` konvenuta riedet tressaq fi stadju daqstant inoltrat tal-kawża, issib li dawn ċertament kienu jeżistu meta hija ppreżentat n-nota tal-eċċezzjonijiet oriġinali tagħha. Fuq kollox, ma tressqu l-ebda raġunijiet validi li kienu jiġġustifikaw lis-soċjeta` konvenuta li ma tippreżentax l-istess eċċezzjonijiet ulterjuri tempestivament fi żmien li trid il-liġi u żgur li ma kenitx provokata minn xi fatt ġdid li ġie a konoxxenza tagħha f'dak l-istadju tal-kawża. Għall-kuntrarju, sa mill-bidu nett tal-kawża, l-azzjoni attriċi kienet impustata fuq nuqqas fil-manifattura ta' tankijiet skont kif titlob l-arti u s-sengħa. Isegwi li minkejja li fil-mori tal-proċeduri odjerni seħħew emendi fil-liġi tal-

proċedura, dawn ma kienu ta' ebda preġudizzju lis-soċjeta` konvenuta u l-argumenti tagħha f'dan is-sens huma bla bażi. Kwindi din il-Qorti taqbel perfettament mad-digriet tal-ewwel Qorti tal-20 ta' Settembru, 2016, fir-rigward tar-rikors tas-soċjeta` konvenuta tas-7 ta' Ottubru, 2015, meta ċaħdet it-talba hemm magħmula u ordnat l-isfilz tad-dokument in kwistjoni u għalhekk dan l-ewwel aggravju tas-soċjeta` konvenuta ma jreġix.

22. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju, dak fejn is-soċjeta` konvenuta tilmenta dwar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tat-13 ta' Mejju, 1991 (fol. 74 tal-proċess) meta għalkemm qieset l-eċċezzjonijiet ulterjuri li ngħataw jiġifieri li fir-rigward tat-tank li ġie konsenjat fir-residenza ta' Gordon Mizzi, l-azzjoni attriċi ma treġix għaliex il-bejgħ sar lill-imsemmi Gordon Mizzi personalment, kif ukoll illi l-azzjoni attriċi hija preskritta a tenur tal-Artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili, l-istess Qorti astjeniet milli tiddeċiedi fuq l-istess eċċezzjonijiet ulterjuri. L-ewwel Qorti tat bħala raġuni l-fatt li mill-atti tal-kawża ma rriżultax illi s-soċjeta` konvenuta qatt talbet u wisq inqas ingħatat permess mill-Qorti sabiex tippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri. Apparti li, għal darb'oħra, is-soċjeta` konvenuta tisħaq li l-liġi proċedurali kienet differenti fiż-żmien meta tressqu l-eċċezzjonijiet ulterjuri, tilmenta wkoll li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tingħata f'kull

stadju tal-proċeduri, kwindi l-ewwel Qorti ma setgħetx tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dawn l-eċċezzjonijiet ulterjuri.

23. Fir-rigward ta' dan it-tieni aggravju jibda billi jiġi osservat illi b'żieda għal dak li ngħad fil-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti taħt l-ewwel aggravju, ma hemmx dubju li eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' titqajjem f'kull waqt tal-kawża, saħansitra fl-istadju tal-appell, in kwantu eċċezzjoni perentorja tista' tingħata wkoll fil-Qorti fil-grad ta' appell (ara Artikolu 732(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 2112 tal-Kodiċi Ċivili – Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta). Madankollu, apparti li l-Artikolu 1431 tal-Kap. 16, jittratta l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja (u l-azzjoni attriċi fil-fehma ta' din il-Qorti ma taqax taħt waħda minn dawn iż-żewġ għażliet maħsuba fl-Artikolu 1431 tal-Kap. 16, iżda hija waħda ta' danni riżultanti minn kuntratt ta' appalt kif ser jiġi spjegat f'aktar dettall 'il quddiem f'din is-sentenza) huwa ritenut li dan it-terminu taħt l-Artikolu 1431(1) huwa wieħed ta' dekadenza. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Mejju, 2009 fil-kawża fl-ismijiet **Maria Victoria Borg et v. Sindku Kunsill Lokali Pieta`** fir-rigward tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12:

> "...*din l-eccezzjoni issa mqanqla fir-rikors ta' l-appell tad-dekadenza ta' l-azzjoni hi wahda perentorja tal-gudizzju, u mhux wahda perentorja merament tal-mertu ghal liema japplika l-Artikolu 732 tal-Kap. 12. Konsegwentement, in kwantu din l-eccezzjoni ta' dekadenza hija eccezzjoni perentorja tal-gudizzju, ghal finijiet ta' l-istadju li fiha kellha tigi sollevata ghandha titqies bhala eccezzjoni dilatorja, u kien jehtieg li titqajjem in limine litis. Dan anke ghaliex fir-rigward taghha ma tezisti ebda disposizzjoni espressa li tipprovdi xort'ohra (Artikolu*

*731 tal-Kap. 12), bl-invers ta' dak li nsibu fir-rigward tal-preskrizzjoni (ara Artikolu 2112 tal-Kodici Civili). La din l-eccezzjoni ma tqajmitx fl-istadju bikri tal-kawza, din ghandha titqies rinunzjata."*

24. Hekk ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-30 ta' Jannar, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Paul Aquilina v. J.J.Scerri Co. Ltd.** liema appell kien jitratta proprju li titressaq l-eċċezzjoni ulterjuri taħt l-Artikolu 1431(1) tal-Kodiċi Ċivili ngħad:

*"...tezisti certament ir-riflessjoni fundamentali dwar kemm setghet l-eccezzjoni tal-perentorjeta` ta' azzjoni titqajjem in sede ta' appell. B'eccezzjoni bhal din, kieku nghatat fiz-zmien li kellha tinghata, u in limine litis, din kien ikollha l-effett li tistronka l-gudizzju in kwantu l-istess eccezzjoni hi perentorja tieghu. Jigi li ghall-finijiet ta' l-istadju li fih kellha tigi sollevata din l-eccezzjoni dan kellu jkun dak bikri tal-contestatio litis quddiem it-Tribunal meta allura l-kontestazzjoni tkun giet radikata u formulata. Kif gja sa ricentement osservat din il-Qorti, kif presjeduta, fuq l-istess tema, "la dan ma sarx f'dak il-kaz dik l-eccezzjoni ghandha titqies rinunzjata (Kollez. Vol. XXXIII P I p 630) in kwantu din tippresupponi dik il-kondotta processwali li tevidenzja l-ezistenza ta' dik il-volonta univoka li l-appellanti ma riedx iqajjem dik l-eccezzjoni" ("Geswalda Saliba -vs- Mario Galea", Appell mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur (Ghawdex), 9 ta' Lulju, 2008). Prettament, ghal din ir-raguni l-ewwel aggravju qed jitqies insostenibbli"*

Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, għalkemm l-eċċezzjoni taħt l-Artikolu 1431(1) tal-Kodiċi Ċivili hija perentorja tal-ġudizzju, din kellha titqajjem fil-bidu tal-proċeduri, peress li mhix waħda mill-eċċezzjonijiet li jsemmi l-Artikolu 731 tal-Kap. 12 u għalhekk meta ma titqajjimx fil-bidu fin-nota tal-eċċezzjonijiet oriġinali jew illum fir-risposta maħlufa, titqies li tkun rinunzjata. Kwindi fi kwalunkwe każ, din l-eċċezzjoni ulterjuri mressqa mis-soċjeta` konvenuta taħt l-Artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili, għandha tiġi miċħuda peress li apparti l-kwistjoni tal-applikabbilita` tal-imsemmi

provvediment għall-każ in eżami, ladarba ma tqajjmitx fin-nota ta' eċċezzjonijiet oriġinali tagħha, jitqies li s-soċjeta` konvenuta rrinunzjat għaliha.

25. In kwantu l-eċċezzjoni ulterjuri li t-tank li ġie konsenjat fir-residenza ta' Gordon Mizzi, l-azzjoni attriċi ma treġix għaliex il-bejgħ sar lill-imsemmi Gordon Mizzi personalment, din l-eċċezzjoni wkoll hija bla bażi, peress li kif jirriżulta mill-irċevuta esebita a fol. 165 tal-proċess, relattiva għall-ewwel tank immanifatturat da parti tas-soċjeta` konvenuta, inħarġet f'isem is-soċjeta` attriċi Titan International Limited. Kwindi lil hinn mill-fatt fejn it-tank ġie kkonsenjat, huwa bil-wisq ċar li l-istess soċjeta` konvenuta, permezz tal-imsemmija rċevuta għarfet li r-relazzjoni tagħha fir-rigward kienet mas-soċjeta` attriċi. Għalhekk għal dawn ir-raġunijiet ukoll, l-eċċezzjonijiet ulterjuri mressqa mis-soċjeta` konvenuta ma jirriżultawx li jimmeritaw li jintlaqgħu u jsegwi li t-tieni aggravju tagħha ser jiġi wkoll miċħud.

26. Imiss li jiġi trattat it-tielet aggravju dak fejn is-soċjeta` konvenuta tilmenta dwar apprezzament żbaljat tax-xhieda u tal-provi, in kwantu tikkontendi li l-ewwel Qorti eżaminat il-pendenza minn ottika żbaljata meta inoltrat ruħha dwar il-kwistjoni jekk it-tankijiet kinux magħmula skont is-sengħa u l-arti u dwar l-obbligi tal-appaltatur, mentri tikkontendi li l-ewwel Qorti kellha l-ewwel u qabel kollox tqis il-ftehim milħuq bejn il-kontendenti

fil-kawża u jekk it-tankijiet kinux intiżi li jifilħu pressa u temperatura għolja jew le. Is-soċjeta` konvenuta tinsisti li mix-xhieda in atti jirriżulta li r-referenzi li ngħataw kienu l-*cubic capacity* u l-għoli tat-tankijiet minħabba l-estetika u li ma saret l-ebda referenza għal xi tip ta' *pressure,* peress li ovvjament il-konsiderazzjonijiet ta' *pressure* jagħmlu differenza kbira fil-manifattura u fil-prezz. Tirrileva siltiet mix-xhieda in atti sabiex targumenta li l-ewwel Qorti naqset milli tindaga x-xhieda kollha b'mod akkurat. Dan apparti li tilmenta li l-ewwel Qorti straħet fuq ittra datata 19 ta' Frar, 1980, u pjanta annessa mal-istess ittra, li dwarha s-soċjeta` konvenuta għandha riżervi kbar u li kellhom idaħħlu dubju serju dwar il-kontenut tagħhom .

27. Fir-rigward tal-ilment tas-soċjeta` konvenuta dwar l-ottika li minnha l-ewwel Qorti analizzat il-kawża, tajjeb li jiġi mfakkar li l-Qrati huma marbuta li jeżaminaw l-provi mressqa fil-mori tal-kawża mill-perspettiva tat-talbiet attriċi riżultanti mill-att taċ-ċitazzjoni u mid-difiża tal-parti konvenuta riżultanti min-nota tal-eċċezzjonijiet. Dak hu eżattament li għamlet l-ewwel Qorti, kunsidrat it-talbiet attriċi, xogħol il-Qorti kien proprju li tinvesti t-talbiet attriċi għad-danni fid-dawl tal-allegazzjoni li s-soċjeta` konvenuta naqset milli timmanifattura tankijiet hekk kif titlob l-arti u s-sengħa. Fid-dawl tal-pretensjonijiet attriċi, l-ewwel Qorti kellha mhux biss tidħol fin-natura tal-ftehim, eżerċizzju li fil-fehma ta' din il-Qorti twettaq u twettaq b'mod estensiv, hekk kif daħlet fid-distinzjoni bejn

kuntratt ta' bejgħ u dak ta' appalt, iżda wara li waslet għall-konklużjoni li l-kuntratt kien wieħed ta' appalt, daħlet ukoll fil-mertu tal-obbligi ta' appaltatur, liema analiżi din il-Qorti tikkondividi fis-sħiħ.

28. Għalkemm is-soċjeta` konvenuta tikkontendi li hija ngħatat biss dettalji ta' *cubic capacity* u l-għoli tat-tankijiet minħabba raġunijiet ta' estetika, filwaqt li tisħaq li ma ġietx mgħarrfa dwar it-temperaturi għolja u l-pressjoni li t-tankijiet kienu ser jiġu suġġettati għalihom, din il-Qorti mhix konvinta dwar dan. Dan jingħad peress li fl-ewwel lok, kif osservat mill-perit legali fir-relazzjoni tagħha, minkejja li t-tank installat fid-dar ta' Gordon Mizzi kien installat b'tali mod li jaħdem mingħajr pressa, xorta kellu l-istess problemi li jqattar l-ilma minnu, minkejja li t-tip ta' installazzjoni kienet differenti minn dik installata fuq il-lukanda ta' Ramla Bay, li kienet taħdem b'sistema ta' pressa. Isegwi li l-pressa mhix il-fattur determinanti għall-problema riskontrata fit-tankijiet, in kwantu t-tankijiet li kienu jaħdmu b'sistemi differenti xorta spiċċaw kellhom l-istess problema tal-ilma inixxi minnhom. Lanqas tqis verosimili li s-soċjeta` attriċi daħlet f'tant dettall u spejjeż dwar l-installazzjoni ta' din is-sistema, li saħansitra bagħtet xi uffiċjali minn tagħha l-Ġappun għand id-ditta Hitachi sabiex jiġu verifikati d-dettalji meħtieġa u mbagħad l-istess uffiċjali jżommu l-istess informazzjoni għalihom u ma jikkomunikawx id-dettalji lis-soċjeta` konvenuta, li kellha timmanifattura t-tankijiet li kienu parti ntegrali mis-sistema. Ix-xhieda ta' Jeremy Holland, rappreżentant ta' Ramla Bay

Hotel, ma titqiesx daqstant relevanti għall-fini ta' din il-kawża peress li la kien preżenti waqt id-diskussjonijiet bejn ir-rappreżentanti tal-kontendenti fil-kawża u lanqas jorbot lill-partijiet.

29. Filwaqt li fir-rigward it-teżi tas-soċjeta` konvenuta li ma kenitx taf dwar it-temperaturi għolja, mill-provi jirriżulta li hija kienet taf illi t-tankijiet ma kinux dawk li wieħed jixtri normali bħalma jiġri meta wieħed imur jixtri mingħand tal-ħanut (u għalhekk mhuwiex kuntratt ta' bejgħ). Tant kienet taf li t-tankijiet kienu ser jintużaw f'sistema ta' *solar heating,* li l-fattura (numru 2262 f'Dok. XYZ1) u n-noti ta' konsenja (ara Dok. XYZ1, XYZ2 u XYZ3 esebiti a fol. 164 ta' Vol. 3 tal-proċess) li nħarġu minnha lis-soċjeta` attriċi kienu kollha għal tankijiet għal Solar Heating (u mhux tankijiet normali). Inoltre mill-affidavit ta' Francis Baldacchino jirriżulta li meta kien inkarigat jimmanifattura l-ewwel tank li kellu jiġi nstallat fid-dar ta' Gordon Mizzi, ingħata *element heater* ta' 3000Watts (u wieħed jifhem li tali prodott jiġi b'indikazzjoni tat-temperatura li mistenni jtella') u huwa wera l-fehma li l-*heater* kien ser ikun kbir għat-tank, peress li l-*heaters* li jitqiegħdu fit-tankijiet tagħhom kienu ta' 1200 Watts, dan kellu jkun l-ewwel sinjal għas-soċjeta` konvenuta li kellha twettaq il-verifiki meħtieġa dwar kemm it-tankijiet manifatturati minnha kienu adattati għal dawk it-tip ta' *heaters.* Hawnhekk jiksbu relevanza kbira s-sentenzi ċitati mill-ewwel Qorti (**Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Pubbliċi v. Charles Azzopardi** u **Pierre Darmanin v. Moira Agius** u l-ġabra ta' ġurisprudenza hemm

magħmula) fis-sens li jekk fit-twettiq tal-inkarigu tiegħu l-appaltatur jingħata direzzjonijiet li jaf li r-riżultat aħħari mhux ser ikun sodisfaċenti, huwa għandu jirrifjuta li jwettaq dak ix-xogħol, inkella jkun responsabbli għad-danni. Prova oħra li s-soċjeta` konvenuta kienet taf li t-tankijiet kienu ser jintużaw għal "*heating system*" hija l-istima a fol. 226 ta' Vol. 3 tal-proċess, fejn saħansitra tingħata "garanzija" (mingħajr riżerva) fir-rigward.

30. Fl-aħħar mill-aħħar din il-Qorti taqbel mal-fehma tal-ewwel Qorti li r-rapport tekniku tad-ditta estera Hitachi Chemical Europe (ara Exhibits M, N u O a fol. 190 – 192 ta' Vol. 3 tal-proċess) ma setax jiġi njorat, kif wara kollox kien relevanti r-rapport (Exhibit C – a fol. 167 ta' Vol. 3 tal-proċess) tal-Perit Michael A. Refalo li kien ukoll inkarigat mis-soċjeta` attriċi. Is-soċjeta` konvenuta ma ppreżentat l-ebda rapport tekniku sabiex tirribatti dawn ir-rapporti. Hekk ukoll, minkejja li l-perit legali fir-relazzjoni tagħha wriet il-fehma ċara li mill-provi rriżulta li l-problema ma kenitx dik ta' pressa, iżda dik li l-manifattura ma saritx skont is-sengħa u l-arti, is-soċjeta` konvenuta la talbet l-eskussjoni tal-istess perit legali, kif lanqas ma talbet li jinħatru periti addizzjonali. Kwindi huwa mill-aktar inkongruwu li filwaqt li s-soċjeta` konvenuta ma għamlet ebda użu mill-għodda proċedurali sabiex tirribatti l-konklużjoni fir-rapport tal-perit legali, issa tilmenta dwar il-konklużjoni tal-ewwel Qorti li bħall-perit legali, adottat il-

verżjoni tas-soċjeta` attriċi bħala aktar verosimili. Isegwi li dan it-tielet aggravju wkoll ma jreġix u ma jimmeritax li jintlaqa'.

31. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju fl-appell prinċipali tas-soċjeta` konvenuta, dak fejn tibqa' tisħaq li r-relazzjoni kontrattwali bejn il-kontendenti fil-kawża ma kinitx waħda ta' appalt, kif deċiż mill-ewwel Qorti, iżda ta' bejgħ peress li fin-nuqqas ta' speċifikazzjonijiet għall-ordnijiet magħmula, allura l-kuntratt kien ta' bejgħ peress li l-manifattura ta' tankijiet huwa proċess normali fil-linja tax-xogħol tagħha. Għalhekk tikkontendi li n-natura tat-talba attriċi hija żbaljata u ġuridikament insostenibbli.

32. Fil-verita` din l-Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha tal-aggravji preċedenti, wriet il-fehma tagħha dwar in-natura tal-azzjoni odjerna (paragrafi 22, 26 u 28). B'żieda ma' dan jingħad li, wara li din il-Qorti rat il-provi voluminużi mressqa mill-partijiet, mid-dinamika tar-relazzjoni negozjali bejn il-kontendenti fil-kawża, huwa evidenti li s-soċjeta` konvenuta ma kellhiex sempliċement tagħti xi materjal jew tikkonsenja oġġetti lis-soċjeta` li hija normalment timmanifattura, iżda s-soċjeta` konvenuta kellha twettaq xogħol ta' appalt, tant li pprestat ukoll il-*mano d'opera* meta mmanifatturat it-tankijiet skont kriterji mogħtija lilha mis-soċjeta` attriċi. L-oġġetti minnha kkonsenjati ġew minnha maħduma tant li jista' jingħad li jikkostitwixxu *opus.* Fl-aħħar mill-aħħar, din il-Qorti taqbel

mal-ġurisprudenza estensiva ċitata mill-ewwel Qorti, sabiex wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami, waslet għall-konklużjoni fis-sens li mill-aġir u l-intenzjoni tal-partijiet wieħed jista' jgħid li l-intenzjoni tagħhom kienet waħda *di fare* li għaliha japplikaw il-prinċipji tal-appalt u ma kenitx waħda sempliċi *di dare* fejn il-kuntratt kien allura jitqies bħala wieħed ta' bejgħ. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konklużjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk dan l-aħħar aggravju wkoll ser jiġi miċħud. B'hekk ma jirriżultax li l-appell prinċipali tas-soċjeta` konvenuta jimmerita li jiġi milqugħ.

33. Imiss li jiġi trattat l-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi, li fih jitressaq l-aggravju waħdieni dwar l-ammont tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti favur is-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' €4,891.69, li jingħad huwa sostanzjalment inqas minn dak li waslet għalih il-perit legali, jiġifieri s-somma ta' €12,928.70. Issir referenza għax-xhieda ta' Gordon Mizzi, filwaqt li ssir referenza wkoll għad-dokumenti GM u GM 1 ippreżentati mill-istess xhud. Jingħad li la l-ispiża u lanqas ir-rata ta' Lm5 fis-siegħa ma ġew kontestati mis-soċjeta` konvenuta u minkejja li d-danni jistgħu jidhru eċċessivi, ladarba jirriżultaw ippruvati, ma hemm l-ebda raġuni legali għala ma kellhomx jiġu aċċettati.

34. Għandu jingħad li hawn ukoll din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti. Fir-rigward tat-tank installat fuq id-dar ta'

Gordon Mizzi, tabilħaqq li għal tank ta' Lm 32, pretensjoni ta' danni ta' Lm 690.75 mad-daqqa t'għajn tidher esaġerata. Fil-fatt meta din il-Qorti għarblet ix-xhieda u d-dokumenti esebiti minn Gordon Mizzi (ara spjegazzjoni relata mal-ispiża a fol. 195 ta' Vol. 3 tal-proċess) wieħed isib li filwaqt li l-pretensjoni tal-*parts* hija ta' Lm157, il-bilanċ ta' Lm533.75 jirrapreżenta 'il fuq minn mitt siegħa ta' xogħol bir-rata ta' Lm5 fis-siegħa. Apparti li ma tressqux irċevuti fir-rigward tal-*parts* li nxtraw, din il-Qorti tikkondividi l-ħsieb tal-ewwel Qorti li Lm5 fis-siegħa għall-ħaddiema tal-istess soċjeta` attriċi hija esaġerata kunsidrat li x-xogħol ġie esegwit 'il fuq minn erbgħin sena ilu! Il-fatt li ma kienx hemm kontestazzjoni fir-rigward, fin-nuqqas ta' provi ċari debitament korroborati, ma jfissirx li l-Qorti bilfors trid taċċetta dak kollu li jingħad mir-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi. Kunsidrat dan kollu, ma tara l-ebda raġuni valida għala din il-Qorti għandha tvarja l-ammont ta' Lm100, illum €232.94 likwidat mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

35. Fir-rigward tal-kumpens mitlub mis-soċjeta` attriċi fil-każ tat-tankijiet li ġew installati fil-lukanda tar-Ramla Bay, fejn hija qegħda titlob kumpens ta' Lm4,859.54, (ara Dok. GM2 a fol. 245 ta' Vol. 3 tal-proċess) li jinkludu Lm1382 bħala ħlas magħmul lis-soċjeta` konvenuta, Lm2507.50 għal xogħol li jiżboq il-ħames mitt siegħa (u mhux ħamsin siegħa kif ingħad mill-ewwel Qorti) eżegwit mill-ħaddiema tagħha bir-rata ta' Lm5 fis-siegħa, kif ukoll ħsara oħra kkawżata lil klijenti oħra tagħha u "*loss of good*

*name".* Għal darb'oħra l-parti kbira ta' dan l-ammont huwa magħmul mix-xogħol imwettaq mill-ħaddiema tas-soċjeta` attriċi, li minkejja li esebiet it-*time sheets* marbuta mat-tiswijiet imwettqa fuq l-istess tankijiet, għal darb'oħra l-pretensjoni tagħha ta' ħlas bir-rata ta' Lm5 fis-siegħa hija meqjusa esaġerata. Madankollu, meqjusa d-diskrepanza fin-numru ta' sigħat kunsidrati mill-ewwel Qorti għall-fini li tillikwida l-kumpens dovut lis-soċjeta` attriċi, tqis li jkun aktar xieraq li l-kumpens dovut lis-soċjeta` attriċi f'dan il-każ jiġi rivedut għal Lm2,900, ekwivalenti għal €6,755.18. Kwindi l-ammont totali tad-danni likwidat favur is-soċjeta` attriċi għandu jkun dak ta' €6,988.12.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(i) Tiċħad l-appell prinċipali mressaq mis-soċjeta` konvenuta Silvercraft Products Limited;

(ii) Tilqa' limitatament l-appell inċidentali tas-soċjeta` attriċi Titan International Limited fis-sens li tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi filwaqt li tillikwida u tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' sitt elef, disa' mija

u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12), bl-imgħax jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti, sad-data tal-ħlas effettiv, tikkonfermaha fil-bqija.

(iii) Tordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża in prim' istanza, kif ukoll l-ispejjeż kemm tal-appell prinċipali u kif ukoll tal-appell inċidentali jibqgħu a karigu tas-soċjeta` konvenuta Silvercraft Products Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr